MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1703/2003

**Josephine Borg**

**Vs**

**Loreto Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1260 (elf mitejn u sittin Lira Maltin) dovuti bhala manteniment.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attrici qed titlob l-ammont ta' Lm1260 (elf mitejn u sittin Lira Maltin) rapprezentanti l-manteniment dovut mill-konvenut ghall-perjodu Gunju 2002 sa Ottubru 2002 u cioe` ta' 21 (wiehed u ghoxrin) gimgha, skond id-digriet numru 1294/99 tas-sekond'Awla tal-Qorti Civili, mghoti fil-5 ta' Ottubru 1999.

Skond l-istess digriet il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm60 (sittin Lira Maltin) fil-gimgha komplessivament ghall-attrici u ghaz-zewg uliedha minuri.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi, ghad li vera hemm digriet li jistipola l-hlas ta' Lm60 fil-gimgha pagabbli bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha:

a. l-attrici kienet taf ben tajjeb illi l-konvenut kien qieghed jigi sfaccat b'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' xoghol tant illi kien gie disokkupat ghal diversi snin u naqset milli tinforma b'dan lil Qorti u ghalhekk otteniet digriet meta kienet taf li l-informazzjoni minnhu mghotija kienet inkoretta
b. illi l-attrici qeghda tircievi stante l-istat ta' disokkupazzjoni tal-konvenut l-manteniment dovut mil-istat
c. illi ghalhekk din l-azzjoni hija vizjata stante illi l-attrici ma ghandha l-ebda nteress guridiku tintavola din l-azzjoni
d. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal stante li l-azzjoni hi ta indoli dikjaratorja.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Jirrizulta mill-atti li gia kien hemm proceduri inutili anki quddiem dana l-istess Tribunal. Issir referenza ampja ghas-sentenza moghtija fil-25 ta' April 2002. Ma jidhirx li gie intavolat xi appell. Inoltre ma jirrizultax li l-proceduri ghar-regola tal-istess digriet ta' manteniment gew konkluzi. Li kieku, l-konvenut zgur kien jinforma lil dan it-Tribunal.

It-Tribunal, fil-kamp civili ma jistax il-ligi jsir kontra ordni moghtija minn Qorti ohra – jew l-istess Qorti jew dik superjuri. Ma ngabet l-ebda prova li dak id-digriet gie emndat u/jew revolat. It-Tribunal irid jaghti affidament ghall-istess. Jekk ghandu xi itrojtu iehor, dak tarah l-istess

Qorti originali u/jew id-dipartiment koncernat. Is-somma mitluba ma gietx kontestata u qed tigi abbondata.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200), bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------